Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAD-DISA' U TLETIN LAQGĦA TAS-SITT KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il-Erbgħa, 3 ta' Novembru 2010

**Ħin:** Mis-5.50pm sad-8.40pm

**Prezenti:** It-Tabib John Zammit Montebello (wasal fis-5.45pm)
Is-Sur Joseph Mary Galea
L-Avukat Trevor De Giorgio (wasal fis-6.00pm)
Is-Sur J. Cassar
Is-Sur Guido Borg

**1. <u>Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seba' u Tletin laqgħa tas-Sitt Kunsill.</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tat-Tmienja u Tletin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 6 ta' Ottubru 2010 (mehmuza). Kopja tal-minuti ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Minuti tat-Tmienja u Tletin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 6 ta' Ottubru 2010 kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg. Il-minuti kienu approvati unanimament. Il-Viċi-Sindku flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv ffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. <u>Mill-Minuti.</u>**

1. I-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tal-Minuti ta' laqgħa li saret fid-19 ta' Ottubru 2010 ma DConsulta Ltd dwar ir-rapport SEAP. Is-Segretarju Ezekuttiv talbet li titieħed deċiżjoni dwar fejn ser isiru l-laqgħat mitluba.

   Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-bieraħ ikkonferma li l-gazebo kienet ser tasal f'Novembru 2010 u tiġi stallata fil-*playing field* fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru 2010.

   Il-Kunsill unanimament qabel li l-laqgħa bejn DConsulta Ltd u l-Forum Balzan dwar is-SEAP issir fl-24 ta' Novembru fis-6.30pm. Is-Segretarju Ezekuttiv għandha tara jekk ir-rapprezentanti ta' DConsulta jistawx jattendu sabiex tkun tista ssejjaħ il-laqgħa tal-Forum Balzan.

**F'dan il-ħin wasal Dr. Malcolm Mifsud, il-President tal-Kumitat Amministrattiv tar-Reġjun Ċentrali biex jagħmel preżentazzjoni qasira dwar il-ħidma tal-Kumitat Amministrattiv, għaldaqstant l-agenda tal-laqgħa ġiet sospiza fis-5.58pm.**

**F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Dr. T. De Giorgio**

Dr. Mifsud li kien akkumpanjat mis-Segretarju Ezekuttiv tal-Kumitat Amministrattiv Ċentrali s-Sur Samuel Herd, għamel introduzzjoni fejn spjega li l-Kumitat Amministrattiv Ċentrali ser jibda bir-responsabilita' għas-sistema ta' l-infurzar lokali u f'dan l-istadju trid tinħareġ sejħa għall-offerti għas-servizz tal-gwardjani lokali. Kopja tad-dokumenti ta' l-offerta ntbagħatu mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali lilu l-bieraħ u l-Kunsilli rċevew kopja llum. Huwa nnota li ladarba l-Kumitat Reġġjonali jieħu s-sistema ta' l-infurzar f'idejħ, l-Kunsilli la jħallsu għas-servizz tal-gwardjani u lanqas jirċievu flus mis-sistema imma jekk jibqa flus dawn jiġu mgħoddija lill-Kunsilli f'xogħol fir-raħal skond proporżjon ta' kemm ikunu tħallsu multi li jappartjenu lill dik il-lokalita'. L-istaff prezenti tal-Kumitat Konġunt ser jingħataw lill-Kumitat Reġġjonali biex ikun jista jiffunzjona u l-Authorized Officer ukoll ser jifforma parti mill-istaff tal-Kumitat Reggjonali sakemm ma tinħariġx sejħa għall-offerti u l-offerta tingħata lill ditta oħra.

Is-Sindku nnota li jekk mhux ser tinbidel is-sistema amministrattiva li kienet titħaddem mill-Kumitat Konġunt u ser jinbidel biss l-isem, wisq jibza li l-bidla ser tkun kosmetika u s-sistema ser tibqa mgħobbija b'ħafna spejjes u bl-istess difetti. Huwa nnota li sfortunatament l-Kunsill qatt ma kellu servizz ta' gwardjani fejn kien jitlob bħal ħdejn l-iskola Stella Maris fil-ħinijiet tad-dħul u ħruġ biex jidderiġi t-traffiku imma imbad meta ma jkunx hemm bżonn il-gwardjani tara l-gwardjani jwaħħlu ċ-ċitazzjonijiet bl-addoċċ. Ssemma l-kaz ta' ċitazzjonijiet li ngħataw lill sewwieqa li kienu jipparkjaw fil-pjazzetta ta' wara l-Knisja waqt li sewwieqa kienu jisimgħu l-quddies, meta l-Kunsill kien speċifiku u talab li l-gwardjan lokali jmur qabel tibda l-quddiesa biex dak li jkun ma jipparkjax ħazin.

Dr. Mifsud qal li r-rapprezentanti tal-lokalitajiet huma s-Sindki u f'kaz li Sindku ma jkunx jista jattendi jrid jattendi l-Viċi-Sindku u għamel emfazi fuq l-importanza li l-lokalitajiet ikunu rapprezentati sabiex il-bżonnijiet partikolari jkunu ndirizzati. Dr. Mifsud qal li t-tieni responsabilita' li ser jingħata l-Kumitat Reġjonali Ċentrali ser tkun il-bdil tal-bożoż tat-toroq. Meta huwa ġie mistoqsi jekk hemmx il-ħsieb li aktar il-quddiem jiġu mpjeġati professjonisti biex jassistu lill-Kunsilli bħal avukat, perit, *accountant*, *contract manager u supervisor*, huwa qal li f'dan l-istadju kien għadu kmieni biex wieħed jgħid imma aktar il-quddiem wieħed jiddiskuti u jara jistax jilqa t-talbiet li jsiru skond iċ-ċirkostanzi.

**Fis-6.30pm Dr. Mifsud u s-Sur Herd kienu skużati w l-Kunsill kompla bl-agenda tiegħu.**

2. Is-Segretarju Ezekuttiv staqsiet lill-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio jekk kellux risposta dwar l-ispejjes involuti biex il-Kunsill jipparteċipa fil-kawza tar-residenti dwar il-kaz ta' Triq San Frangisk / San Gabriel li r-residenti fetħu konta l-MEPA. Dr. DeGiorgio qal li r-residenti fetħu kawza u l-Kunsill jista jidħol parteċipi mal-grupp tar-residenti u dan mingħajr ma jkun involut fi spejjes. Il-Kunsill unanimament qabel li jidħol parteċipi fil-kawza li fetħu r-residenti. Is-Segretarju Ezekuttiv għandha ssejjaħ laqgħa mas-Sur Kenneth Bartolo sabiex nitkelmu dwar din il-materja.

3. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi hemm ir-risposta tar-residenti ta' Triq iż-Żekkuk dwar permess biex isir *parking* fuq il-bankina fil-korrispondenza (mehmuza). Il-Kunsill unanimament qabel li japplika biex jinkiseb il-permess ta' l-Awtorita' tat-Trasport ta' Malta biex quddiem il-garaxxijiet bin-numri 5, 7 u 9 fi Triq iz-Zekkuk ikun jista jsir *parking* ta' *light vehicles* fuq il-bankina.

4. Is-Sindku nnota li l-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio ser ikun imsiefer fis-17 ta' Diċembru meta huwa ppjanat li ssir il-laqgħa mar-residenti dwar SEAP, għaldaqstant jekk ir-rappreżentanti ta' DConsulta Ltd ikunu jistgħu jkunu prezenti fis-16 ta' Diċembru 2010 inbiddlu d-data u

nistednu l-media u d-Direttur Generali Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika.

5. Il-Viċi-Sindku nnota li minkejja x-xogħol li sar biex titella l-maratona b'risq il-*Community Chest Fund* s'issa ħadd għadu ma wera interess li jipparteċipa. Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonfermat li ħadd ma ċempel biex japplika biex jipparteċipa s'issa.

6. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-vaċċin ta' l-influenza ser jingħata lil-124 resident nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Novembru 2010 bejn it-8.00am u l-10.00am.

7. Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio informa lill-Kunsill illi huwa kiteb lill Onor. Dr. George Pullicino dwar l-istatwa ta' Santa Marija imma ma kienx irċieva risposta s'issa.

8. Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio informa lill-Kunsill illi huwa u s-Sindku għandhom laqgħa ma l-Onor. J. Azzopardi fit-30 ta' Novembru 2010 fid-9.00am dwar l-art f'Wesgħa l-Prof. G. Aquilina.

9. Il-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea nforma lill-Kunsill illi r-residenti ta' Triq Idmejda rrabjati għal-fatt li s-Sorijiet tal-Bon Pastur għalqu t-toqob li minnhom l-ilma tax-xita jgħaddi biex ma tgħeriqx it-triq wara li s-Sorijiet sofrew għargħar fl-aħħar xita li għamlet.

   Dr. T. DeGiorgio nnota li r-residenti għandhom l-impressjoni li hemm pompa li mhiex tiffunzjoni fil-propjeta tas-Sorijiet tal-Bon Pastur li tieħu l-ilma lejn il-Ġonna ta' San Anton.

   Is-Segretarju Ezekuttiv innotat li veru kien hemm pompa li tieħu l-ilma lejn San Anton imma din titħaddem meta l-ġwiebi ta' San Anton jkunu vojta mhux meta l-ġwiebi jkunu mimlija, għaldaqstant jista jkun li fl-aħħar għargħar ma setgħetx titħaddem.

   Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi hija kitbet dwar din il-materja lill-Perit Lorraine Cassar ta' Transport Malta u anki dwar Triq il-Barriera li qed taqleb lejn propjeta privata fejn fakkret li snin ilu kien hemm pjan li jsiru katusi biex iservu bħala *storm water relief system* fil-propjeta tas-Sorijiet tal-Bon Pastur biex jieħdu l-ilma ta' Triq Idmejda lejn is-sistema ta' *culverts* li hemm fi Triq Bir Bal u din il-proposta kienet saret peres li Triq Wesgħa l-Prof. G. Aquilina ma taqlibx.

**Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-5 minuti fis-7.05pm.**

## 3. <u>Kommunikazzjoni tas-Sindku.</u>

1. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi saret laqgħa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u l-Malta Tourism Authority fejn ħeġġu lill-Kunsilli Lokali ta' Ħal Balzan u Ħ'Attard biex jaħdmu flimkien biex itellu attivita' taħt l-iskema Attivitajiet 2011. Għaldaqstant jekk jingħataw fondi l-attivitajiet ta' Ħ'Attard ser isiru fit-2, 3 u 4 ta' April 2011 u Jiem Il-Ġonna ser issir fit-2 ta' April 2011. Dan ikun ifisser li jiġu ffrankati xi flus li bihom nistgħu norganizzaw attivita' oħra f'xi ġurnata oħra apparti dak li huwa diġa ppjanat għat-2 ta' April 2011.

2. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi għada għandu laqgħa mal-Kulleġġ Santa Tereza dwar fondi li ngħataw dwar l-ambjent ta' l-iskola.

## 4. Korrispondenza.

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill xi korrispondenza li waslet bejn is-7 ta' Ottubru 2010 u s-3 ta' Novembru 2010 u rapport tal-korrispondenza li ġiet ipprezentata li ġġib id-data tat-3 ta' Novembru 2010 (mehmuza).

**Ittra Numru 1062/10:** Ittra ta' resident tal-Wied ta' Ħal Balzan dwar il-problema ta' drenaġġ ġiet innutata. Is-Sindku nnota li diversi legislaturi ta' kunsilli preċedenti kienu qajmu din il-materja fil-passat u dan il-Kunsill kien ipparteċipa fil-proċess ta' konsultazzjoni tan-National Flood Relief Project. Fil-fatt saru anki *boreholes* biex jaraw x'tip ta' blat hawn. Ovvjament ix-xogħol irid isir mill-Gvern Ċentrali bil-permess tal-MEPA. Filwaqt li l-Kunsill Lokali Ħal Balzan ma kienx sab oġġezzjoni għal-proġett ta' min jinnota li l-Kunsill Lokali Ta Xbiex sab oġġezzjoni peres li l-katusi ser jiżbroffaw fil-baħar f'dik il-lokalita'.

Il-Kunsill unanimament qabel li jibgħat ittra lir-residenti fejn jispjeġa dak li sar u jinformhom li ser tinġabar petizzjoni biex tingħata lill-Gvern Ċentrali, liema petizzjoni ser tinġabar waqt l-inawgurazzjoni ta' l-attivita' li ser titella' fis-16 ta' Diċembru 2010 fil-*playing field.* Il-Kunsill innota li għandha tiġi bbukkjata s-Sala Aurora sabiex f'kaz ta' maltemp l-attivita' ssir hemm.

**Ittra Numru 1061/10:** L-ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar kuntratt ġdid dwar il-provvista tas-servizzi tal-Gwardjani Lokali ġiet innutata.

**Ittra Numru 1060/10:** L-ittra ta' resident dwar applikazzjoni tal-MEPA bin-numru 4120/10 biex isir żvilupp ġiet innutata. Il-Kunsill unanimament qabel li jissottometti oġġeżżjoni lill-MEPA fuq il-fatt li jekk jinħareġ il-permess jintilef il-ġnien u jitlob li ssir *traffic impact assessment.*

**Ittra Numru 1046/10 u 1058/10:** L-ittra mid-DLG dwar il-*bye-law* dwar Reklami fuq Għamara tat-Toroq ġiet innutata. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill kopja bl-emendi proposti kemm tal-verzjoni tal-Malti kif ukoll tal-verzjoni ta' l-Ingliz (mehmuza).

Il-Kunsill innota li ser ikun il-Kunsill li jikseb il-permess tal-MEPA mhux min jagħmel ir-riklam għaldaqstant in-nota li hemm dwar artiklu 3.3 tal-*bye-law* ma tapplikax. Dwar l-emendi preposti fir-rigward ta' artiklu 3.7 il-Kunsill unanimament approva l-emendi biex jitneħħew u biex jiżdiedu kliem kif jidher fid-dokument mehmuz. Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw ħdejn il-korrezzjoni biex juru li huwa dokument korrett.

**Ittra Numru 1047/10:** Ir-risposta tal-MEPA dwar is-siġar li hemm quddiem il-propjeta ta' Investments Ltd fil-Wied ta' Ħal Balzan ġiet innutata. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Ezekuttiv tibgħat risposta lill-Investments Ltd fejn tinfurmhom biex jikkonsultaw *Trees and Woodlands (Protection) Regulations, 2001 (Legal Notice 12 of 2001).*

**Ittra Numru 1034/10:** It-talba li saret mill-Kap ta' l-Iskola St. Theresa College biex il-Kunsill iħallas għas-servizz ta' gwardjan lokali wieħed waqt l-attivita' indikata fl-istess ittra ġiet milqugħa.

**Ittra Numru 1027/10:** L-istedina mill-Uffiċċju tal-President ġiet innutata. Il-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea ser jattendi biex jirraprezenta lill-Kunsill.

**Ittra Numru 1010/10:** L-istedina mill-AKL għal-laqgħa għal-Kunsillieri fl-20 ta' Novembru 2010 ġiet innutata. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi ma jistax jattendi imma ser jattendu l-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea u l-Kunsillieri Dr. T. DeGiorgio, J. Cassar u G. Borg.

**Ittra Numru 972/10:** L-ittra mill-Għaqda Piroteknika 25 ta' Marzu ġiet innutata. Il-Kunsill innota li ma għandux oġġezzjoni li jsiru ħofor għal-arbli tal-festa mill-għaqda. Il-Kunsill unanimament qabel li s-sena d-dieħla mhux ser jinħarġu permess nhar is-Sibt, lejliet il-festa, biex kioskijiet u mwejjed tal-qubbajd jarmaw fil-pjazza minħabba fir-regolamenti l-ġodda dwar nhar ta' l-art. Dawk is-sidien ta' kjoskijiet/mwejjed tal-qubbajd li normalment jarmaw fil-pjazza jista jinħarġilhom permess biex jarmaw fi Pjazza il-Lunzjata. Il-Kunsill unanimament qabel li l-Għaqda għandha tiġi mistiedna tagħmel *stand* waqt attivitajiet tal-Kunsill.

**Ittra Numru 950/10:** L-ittra tal-perit ta' resident ġiet innutata. Ara deċizjoni dwar *parking* fuq il-bankina fi Triq iż-Żekkuk li ttieħdet aktar kmieni waqt il-laqgħa.

**Ittra Numru 963/10:** It-talba li għamel resident biex jirranġa l-bankina ġiet innutata. Il-Kunsill unanimament qabel li fiċ-ċirkostanzi ser jagħtih permess jiskura l-bankina biex tiġi taqbel mal-kumplament tal-bankina.

**Ittra Numru 943/10:** L-ittra mill-AKL dwar korsijiet tal-kompjuter ġiet innutata.

**Ittra Numru 937/10:** L-ittra minn Transport Malta dwar talba li kienet saret biex isiru ħofor ta' l-arbli tal-festa fuq il-bankini fi Triq San Valentinu, liema talba ġiet rifjutata, ġiet innutata.

**Ittra Numru 935/10:** L-ittra minn Transport Malta dwar *traffic calming measures* u *un/loading* fi Triq Sant'Antnin ġiet innutata. Il-Kunsill unanimament qabel li jirrispondi li *traffic calming* ma jistax jsir għax mit-triq jgħaddi t-trasport pubbliku. Dwar jekk l-isqaq hux pubbliku jew privat u dwar jekk il-garaxx hux qed jintuża għal-iskop ta' pparkjar ta' karozza għandha tivverifika Transport Malta.

Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio nnota bi pjaċir li l-applikazzjoni ta' Polidano biex jiżviluppa propjeta fi Triq il-Kbira kantuniera ma Sqaq Numru 1 fl-istess triq, ġiet miċħuda mill-MEPA wara l-intervent tal-Kunsill u tar-residenti li ħadmu flimkien.

## 5. Rapport Finanzjarju għat-Tlett xhur Lulju - Settembru 2010.

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport finanzjarju għat-Tlett xhur Lulju – Settembru 2010 (mehmuz). Kopja tar-rapport ingħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Ir-rapport finanzjarju għat-tliett xhur Lulju – Settembru 2010 kien propost għall-approvazzjoni mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio. Ir-rapport ġie approvat unanimament. Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw ir-rapport biex juru li huwa dokument korrett.

## 6. Tiġdid tal-kuntratti dwar Ġbir ta' Skart Isseparat nhar ta' Tlieta u mill-*Bring-in-sites*.

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill il-kopji tal-kuntratti li ġejjin li ġew ippreparati mill-Greenpak, u cioe' *Collaboration Agreement, Collaboration Agreement Wasteserv bring in sits collection* u *Collaboration Agreement door to door Collection of Recyclable Waste*. Il-Kunsill unanimament approva li jiġu ffirmati l-kuntratti fuq imsemmija.

## 7. Rapport dwar l-ilmenti.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport ta' l-ilmenti li jġib id-data tat-3 ta' Novembru 2010 (mehmuz).

Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio nnota li f'lejl li fih jiġi ċċelebrat *ħalloween* importani li s-sena d-dieħla jkun hemm mil-prezenza tal-pulizija fi Triq San Valentinu peres li grupp ta' żgħażagħ għamlu ħafna storbju u kkawżaw inkonvenjent lir-residenti biċ-ċempil ta' qniepen tal-bibien.

**Is-Sindku kien skuzat mil-laqgħa fit-8.25pm.**

**Ilment Numru 17010001132328:** Talba biex isir *parking* ta' *light cars* fuq il-bankina fi Triq iż-Żekkuk. Ara deċizjoni li ttieħdet aktar kmieni waqt il-laqgħa, punt 3 taħt "Mill-Minuti".

**Ilment Numru 17010069132625:** Talba biex issir *parking bay* għal-persuni bi bżonnijiet speċjali viċin il-ġonna ta' San Anton ġiet milqugħa, il-*parking bay* ser issir fi Triq Idmejda bejn Triq San Valentinu u l-*paved area*.

**Ilment Numru 17010095132686:** Talba biex issir tabella biex ma jgħaddux trakkijiet peres li qed issir ħsara fil-gallarija. Il-Kunsill unanimament approva li titqiegħed tabella "No Entry Heavy Vehicles Except to Render a Service in the Street" fi Triq it-Tabib Zammit kantuniera ma Triq San Frangisk.

**Ilment Numru 17010074132922:** Talba biex issir xi ħaġa biex it-toqba ta' l-ilma tax-xita ma tkunx ostakolata minn vetturi li jipparkjaw viċin ġiet miċħuda. Il-Kunsill innota li ma jista jagħmel xejn biex isolvi din il-problema.

**Ilmenti Numru 17010023133257, 17010075133823, 17010093133902 u 17010013133386:** Talba biex issir pressjoni ma l-awtoritajiet kkonċernati biex tissolva l-problema ta' għargħar fil-Wied ta' Ħal Balzan. Ara deċizjoni li ttieħdet aktar kmieni waqt il-laqgħa, Ittra Numru 1062/10 taħt "Korrispondenza".

**Ilment Numru 17010066133824:** Talba biex jitnaddfu l-*culverts* tal-Wied ta' Ħal Balzan. Dr. T. DeGiorgio nnota li aktar kmieni waqt il-laqgħa s-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-*culverts* tnaddfu qabel l-aħħar xita.

**Ilment Numru 17010062133939:** Ilment minn sid ta' blokka ta' *flats* dwar għargħar li sofra minħabba fl-għalqa privata li tmiss miegħu. Il-Kunsill innota li ma jista jagħmel xejn dwar din il-materja, hija kwistjoni privata bejn il-ġirien.

**Ilment Numru 17010013134007:** It-talba biex l-bankina tgħola għal-livell ta' dik quddiem il-ġar. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ittra *draft* li hija bagħtet lill kull kunsillier bl-*email* il-bieraħ (mehmuza) dwar talba li saret biex tgħola l-bankina quddiem bieb 161 Triq Bir Bal. Il-Kunsill unanimament approva li l-bankina tgħola u li tintbagħat ir-risposta kif tidher fl-*email* li ġġib id-data tat-2 ta' Novembru 2010.

**Ilment Numru 17010001134079 u 17010081134179**: Ilment dwar għargħar fi Triq Idmejda ġie nnutat. Ara dettalji mgħotija aktar kmieni waqt il-laqgħa, artiklu 10 taħt "Mill-Minuti".

**Ilment Numru 17010045134279:** Talba għal-*double yellow lines* biex ma jkunux ostakolati entratura ta' garaxxijiet fi Triq iż-Żekkuk għandha tiġi vverifikata mis-Segretarju Ezekuttiv u jekk ma hemmx id-distanza meħtieġa skond il-liġi għandha ssir applikazzjoni biex jinżebgħu *double yellow lines* fil-post indikat.

**Ilment Numru 17010046133672:** Talba biex tiġi rranġata s-sistema ta' pparkjar ta' vetturi fi Triq Robert Mifsud Bonnici kantuniera ma Triq il-Kbira ġiet innutata. Il-Kunsill innota li l-post indikat jaqa taħt il-konfini tal-lokalita' ta' Ħal Lija għaldaqstant ma jistax jieħu deċizjoni fuqha imma, jekk ikun ikkonsultat dwar il-materja, jixtieq jinnota li ma għandux oġġezzjoni jekk ma jkunx qed jinħoloq periklu lis-sewwieqa.

**Ilment Numru 17010013134489:** Talba biex jiġi estiż il-ħin fuq it-tabelli tal-*parking* li hemm fi Triq il-Wied ta' Ħal Balzan bejn Triq il-Kbira u Triq Guzeppi Frendo. Il-Kunsill unanimament qabel li l-ħin jiġi estiz minn 20 minuta għal-siegħa.

**8. <u>Approvazzjoni biex isir il-ħlas ta' *Petty Cash*.</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tat-3 ta' Novembru 2010 (mehmuza) li tammonta għas-somma ta' €18,106.27.

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Erbgħa, 1 ta' Diċembru 2010 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Ms. M. Zammit** |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data